**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**Lino Spiteri**

**vs**

**Right Deal Ltd.**

CCT/ 117/15/MS

Illum, 19 ta' Ottubru, 2015

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent fil-11 ta' Gunju 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tat-2 ta' Lulju 2015.

Ra l-atti processwali, sema' x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi ill fl-1 ta' Marzu tal-2014, ir-rikorrent Lino Spiteri xtara minghand is-socjeta' intimata magna tal-hasil tad-ditta Meister ghas-somma ta' sitt mitt Euro (€600.00) bit-tpartit mal-magna tal-hasil antika illi giet stmata mitt Euro (€100.00). Ghalhekk ir-rikorrent hallas is-somma ta' hames mitt (500.00) Euro. Xi erba' xhur wara, fit-28 ta' Lulju 2014, din il-magna bdiet taghmel xi hsejjes u r-rikorrent rrapurta dan l-isocjeta' intimata illi baghtet *technician* biex jara dan id-difett x'kien. It-*technician* ikkonferma illi kien hemm difett u dan identifikah fi hsara ta' *bearing*.

Illi fl-4 ta' Awwissu l-istess magna ittiehdet mis-socjeta intimata ghat-tiswija u giet lura ghand ir-rikorrent fis-16 ta' Awwissu 2014. Ghal xi xhur kollox kien sew. Fit-13 ta' April 2015, il-magna regghet zviluppat l-istess hoss. Rega' gie it-technician li ikkonstata l-hsara fil-bearing ghat-tieni darba. Il-magna ittiehdet mis-socjeta' intimata, pero din id-darba ir-rikorrent ghamilha cara illi hu ma kienx ser jaccetta li l-magna tissewwa ghat-tieni darba u talab lil dan it-Tribunal illi jinghata s-somma ta' elf u hames mitt Euro li tkopri ir-rifuzjoni tal-prezz tal-magna - sitt mitt Euro (€600.00) kif ukoll disa' mitt Euro (€900.00) f'danni morali.

Illi min-naha l-ohra, Alfred Bugeja ghan-nom tas-socjeta' intimata ikkonferma illi r-rikorrent xtara l-magna tal-hasil fid-data, tat-tip, u tal-prezz indikat mir-rikorrent u kopert bil-garanzija. Ikkonferma ukoll illi l-magna zviluppat hsara fil-bearings wara biss erba' xhur ta' uzu. Minkejja tiswija, wara ftit xhur ikkonferma li l-magna regghet zviluppat l-istess hsara. Bugeja attribwixxa din il-hsara ghal fatt illi l-magna kienet qed titghabba zzejjed. Quddiem dan it-Tribunal, iddikjara illi kien lest li jbiddel id-*drum* ta' gewwa ghal wiehed gdid izda r-rikorrent ma accettax. Il-magna ghalhekk baqghet ghand is-socjeta' intimata minn dak iz-zmien.

**Ikkunsidra**

Illi jibda biex jinghad illi ghal dawk illi huma l-fatti saljenti ta' dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni mill-partijiet. Illi r-rikorrent xtara magna tal-hasil ghal prezz ta' sitt mitt Euro (€600.00) minghand is-socjeta' intimata koperta b'garanzija ta' sentejn fuq *parts u labour* u hames snin fuq il-mutur. Wara biss ftit xhur il-magna zvillupatilha hsara li sussegwentement gie identifikat *f'bearing* difettuz. Dana gie imswewwi u ghal xi ftit xhur il-magna hadmet tajjeb. Pero' inqas minn sena wara, l-istess difett rega' tfacca u din id-darba il-magna regghet ittiehdet mis-socjeta' intimata ghal bdil tal-*bearing*. Ir-rikorrent ghamilha cara illi ma riedx jaccetta lura dik il-magna tal-hasil.

**Ikkunsidra**

Illi t-tribunal jirraguna illi jekk difett jimmanifesta ruhu wara ftit xhur u jibqa' difettuz wara li jittiehed ghat-tiswija professjonali ifisser illi jew l-oggett originali ghandu xi difett serju ta' manifattura jew 'ir-*replacement parts*' ma jkunux ta' kwalita u b'hekk icedu wara ftit zmien u l-istess diffett illi kien hemm qabel jergghu johorgu. U dana huwa propju dak li gara f'dan il-kaz. Jew il-magna mhijiex ta' kwalita' pattwita jew il-*bearings* mibdula huma ta' kwalita' inferjuri.

Illi l-allegazzjoni tas-socjeta' intimata illi l-magna giet *overloaded* ma giet bl-ebda mod ippruvata. Huwa aktar probabbli illi l-kagun tal-hsara hija l-manifattura inferjuri tal-*bearings* illi jcedu wara ftit xhur. Anke jekk ghal grazzja tal-argument il-magna f'xi zmien giet overloaded - haga li giet kontestata ripetutament mir-rikorrenti - zgur ma kenitx tigrilha hekk wara biss ftit xhur ghaliex il-*bearings* fin-natura taghhom stess, suppost ikunu maghmilin minn metall specjali intiz biex jiflah pizijiet kbar. U wara kollox magna ta' seba' kilos mhuwiex xi piz zghir ghal magna tal-hasil ghal tlieta jew erba' minn nies. Anke it-technician Mario Schembri tal-Ventura ikkonferma illi l-problema x'aktarx kienet fil-*bearing*.

Illi dan ifisser kwindi illi anke jekk il-magna terga' tigi msewwija ghal darb'ohra u jintuzaw l-istess kwalita' ta' bearings, id-difett ser jerga' johrog u jista jaghti l-kaz illi l-magna ma tkunx koperta bil-garanzija. Dan bir-rispett kollu mhuwiex riskju illi r-rikorrent ghandu jiehu, li ghal darba, darbtejn diga' ghadda minn esperjenza negattiva b'tali tiswija. Kif tghid l-esprezzjoni bl-ingliz 'once bitten twice shy'. Ghalhekk it-tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun u m'ghandux jigi sfurzat illi jaccetta prodott intrinsikament difettuz kif inhi din il-magna tal-hasil mibjugha lilu mis-socjeta' intimata.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-danni morali mitluba mir-rikorrent, it-Tribunal jidhirlu illi dawna huma esagerati u jissuperaw il-limitu stabbilit mill-ligi. Is-socjeta' intimata m'ghandiex titghabba b'pizijiet akbar minn dak li huwa legalment dovut. Semplici dikjarazzjoni illi l-mara kienet ser jigrilha xi haga ghax ghamlet xi zmien tahsel il-hwejjeg b'idejha hija asserzjoni ipotetika li m'ghandha ebda fondament fir-realta.

Ghalkemm it-Tribunal jissimpatizza bil-frustrazzjoni tar-rikorrent ma jfissirx b'daqshekk illi r-rikorrent ghandu japprofitta ruhu bis-sitwazzjoni u taht il-kappa ta' danni ipotetici jitlob dak illi mhuwiex intitolat ghalih.

Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillimita d-decizjoni tieghu biss ghall-ammont tal-prezz tax-xiri tal-magna.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi s-somma ta' sitt mitt Euro (€600.00), prezz tal-magna tal-hasil, bi dritt tal-istess socjeta' intimata illi tibqa' fil-pussess tal-magna in kwistjoni.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**